MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 517/2013

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Klausen Nicolai Kjor K.I. 58978(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elf u tlieta u sittin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1063.41) – in konnessjoni ma' 79240988 *(A/C 51091755)*, liema servizzi ġew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Lulju 2010;

Illi s-somma ta' elf u tlieta u sittin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1063.41) fuq indikata hija komposta minn sitt mija tlieta u sittin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€663.41) dovuti in konnessjoni mas-servizz, flimkien ma' erba' mitt Ewro (€400) dovuti bħala penali għat-terminazzjoni antiċipata skont il-kuntratt.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elf u tlieta u sittin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1063.41), bl-imgħax legali dekorribbli mis-7 ta' Diċembru 2012, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 2917/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------